MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 547/2008

**Charles Grech & Co Limited (C2473)**

**vs**

**Andrew Mifsud**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€515.65) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lill-konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament interpellat ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-spejjez u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' April, 2003 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-6 ta' Otttubru, 2008 mill-Avukat Kris Borg u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------